MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 402/2005

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marsalite Limited u l-istess Marsalite Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub lli l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm367.71) rapprezentanti danni minnhom sbursati bhala konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku lli gara l-Imsida fis-27 ta' Frar 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru KAR 797 habat mal-vettura numru KAC 101 propjeta' tas-socjeta' attrici Marsalite Limited u misjuqa minn Anrhony Busuttil,

ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba, mprudenza, mperizja, negligenza u innosservanza tar-regoalmenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-Avviz u dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-10 ta Jannar 2005 u bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar 2005, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li dak li talab l-attur nomine ghandu jigi michud bl-ispejjes ghaliex ghall-incident stradali mertu tal-kawza ma kienx jahti l-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' PS 909 Paul Buhagiar, ta' Antonio Busuttil, ta' Josette Busuttil, ta' Joe Mula u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partjiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fis-27 ta' Frar 2003 f'Msida Seafront, Msida bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 101 misjuqa minn Antonio Busuttil u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 797 msijuqa mill-konvenut.

Antonio Busuttil xehed li dakinhar tal-incident kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 101 gej minn quddiem il-Knisja tal-Imsida bl-intenzjoni li jdur sabiex imur l-Isptar. Malli dar u beda miexi il-mara tieghu li kienet passiggiera fuq quddiem, qaltlu sabiex jieqaf ghaliex kien diehel xi hadd fihom. Huwa jghid li l-konvenut qasam ghal fuq il-lane tieghu u qabdu bil-hadida li kellu fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu.  Busuttil jispjega li huwa kien qed isuq fuq it-tieni *lane* min-naha tal-Monument tal-Haddiem u li l-incidnet sehh quddiem il-Monument. Huwa qal ukoll li kien jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz.

Il-konvnuet xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fl-Msida gej mid-direzzjoni tal-Pieta` u sejjer lejn Ta' Sliema. Huwa jghid illi malli wasal hdejn it-triq ta' quddiem il-Knisja ta' l-Msida harget il-vettura misjuqa minn Antonio Busuttil u iddevjat minn fuq il-*lane* taghha ghal fuq il-*lane* li kien qed jipprocedi fuqu il-konvenut. Dan ta' l-ahhar jghid li jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fuq l-i*sketch* u jispjega li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-*bumper* ta' wara mal-genb mentri fil-vettura l-ohra il-hsara kienet fil-*bumper* u l-*mudguard* ta' quddiem. Il-konvenut qal ukoll li l-vettura l-ohra ma rahiex qabel l-impatt izda sussegwentement qal li kien raha man-naha tal-lemin tieghu. Il-konvenut spjega li huwa ried jghaddi mit-tieni *lane* u cioe` dak ta' quddiem il-Labour Party Club u qal li bid-daqqa il-vettura tieghu giet imbuttata lejn ix-xellug.

Mill-verzjonijiet tal-partijiet dwar kif sehh l-incident appena riportati fil-paragrafi precedenti, jirrizulta car li huma qed jaghtu zewg verzjonijiet kompletament opposti dwar kif sehh l-incident fis-sens illi it-tnejn qed jallegaw li kien is-sewwieq l-iehor li invada il-karreggjata taghhom. F'dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu jistrieh fuq l-aktar prova oggettiva u cioe` l-iskizz. Mill-imsemmi skizz (esebit a fol. 27 tal-process) jirrizulta inekwivokabilment li l-vettura misjuqa minn Busuttil qieghda kompletament fuq it-tieni *lane* min-naha tal-monument filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut tinsab posizzjonata bejn zewg *lanes*. Dan jindika li kien il-konvenut li biddel il-karreggjata mhux vici versa. L-incident in kwistjoni ghalhekk sehh unikament b'tort tal-konvenut li biddel il-*lane* minghajr ma zamm *a proper look out* biex b'hekk invada il-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha l-assikurat tas-socjeta' attrici. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut tkompli tikkorrobora din it-tezi u dan ghaliex l-istess hsara m'hijiex angolata. Irid jigi rilevat li t-triq li taghti ghall-isptar tinstab distanza konsiderevoli `il quddiem minn fejn sehh l-impatt u dan jindika li Busuttil ma kellu ebda raguni il-ghala ibiddel il-*lane* f'dak li stadju.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti kollha in sostenn tat-talbiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm367.71), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-10 ta' Jannar 2005 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------